# L-Identità tat-Terzjarju

## *skont il-Kostituzzjonijiet tal-2019 – Skeda 8*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Fil-Kapitlu Ġenerali tal-2019, l-Ordni Karmelitan iċċelebra l-Kapitlu Ġenerali u fih ġew riveduti, approvati u promulgati l-Kostituzzjonijiet tal-Ordni Karmelitan. Fost it-tibdiliet li saru għall-aħjar fil-Kostituzzjonijiet hemm dawk in-normi li jitkellmu mit-Terz'Ordni Karmelitan. Għaldaqstant huwa tajjeb li waħda minn dawn l-iskedi tkun iddedikata sabiex naraw x'inhi l-identità tat-Terzjarju fi ħdan il-familja wiesgħa tal-Karmelu.

L-ewwel nett, il-Kostituzzjonijiet huma dokument leġiżlattiv li jħares għaż-żminijiet kontemporanji l-ispirtu tar-Regula Karmelitana mfassla minn San Albert fis-seklu 13, li torbot u tiġbor lill-Karmelitani kollha fl-istess familja u fl-istess kariżma Karmelitana. Iżda mbagħad kull forma ta' ħajja Karmelitana għandha t-testi leġiżlattivi tagħha li jqiegħdu fil-prattika għal-lum l-għejxien tar-Regula ta' San Albert. L-Ewwel Ordni, li jiġbor fih ir-Reliġjużi rġiel, għandhom il-Kostituzzjonijiet proprji għal dan il-għan, li jiġu mibdula minn żmien għal żmien. L-istess jingħad għat-Tieni Ordni, jiġifieri r-Reliġjużi nisa klawstrali. U l-istess jingħad għat-Tielet Ordni, jiġifieri t-Terzjarji, li għal dan l-istess għan għandhom dik li tissejjaħ Ir-Regula tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari. It-Terz'Ordni Karmelitan Regulari, u forom oħra ta' assoċjazzjonijiet privati u pubbliċi, għandhom ukoll it-testi leġiżlattivi tagħhom li jissejħu Kostituzzjonijiet, jonkella b'isem ieħor. Dawn it-testi leġiżlattivi jinbidlu minn żmien għal żmien, waqt li r-Regula ta' San Albert ma tinbidel qatt. Naturalment, storikament il-Karmelu beda minn grupp ta' eremiti rġiel li mbagħad ġew iffurmati u approvati bħala Ordni Reliġjuż fi stat ta' ħajja stabbli fil-Knisja Kattolika. Minnhom ħarġu mbagħad dak li jissejjaħ it-Tieni Ordni u t-Tielet Ordni Regulari u Sekulari. Biż-żmien ukoll ġew affiljati mal-Ordni gruppi oħra. Għaldaqstant jinftiehem il-fatt li l-Kostituzzjonijiet tal-Ordni Karmelitan, li jorbtu lir-Reliġjużi tal-Ewwel Ordni, ikollhom ukoll normi li fihom jiddeskrivu ċar ir-relazzjoni ta' dawn il-forom l-oħra ta' ħajja Karmelitana li l-Ispirtu s-Santu qajjem fi ħdan l-Ordni stess.

Fejn jidħol it-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari, naraw progress fil-ħsieb tal-Ordni Karmelitan u iktar ċarezza dwar ir-rwol, il-post u anke r-rabta fil-Karmelu. Insibu fil-fatt li l-Kostituzzjonijiet il-ġodda jiddedikaw erba' normi għat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari (nuri. 28, 110, 114, 325) li huma distinti min-normi dwar it-Terz'Ordni Karmelitan Regulari u mill-Istituti aggregati mal-Ordni u wkoll minn forom ta' affiljazzjoni mal-Ordni, bħal ngħidu aħna dawk li jinkitbu fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu (nru 27) li għalkemm jagħmlu parti mill-familja Karmelitana (nru 28) huma biss marbuta spiritwalment mal-Ordni (nru 110). Qed insemmi hawnhekk dan il-każ, għax sfortunatament għal numru mhux żgħir ta' nies li jitolbu biex jissieħbu fit-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari f'moħħhom ikollhom il-kitba fil-Labtu! Hija responsabiltà tal-Assistenti Spiritwali u tal-Moderaturi u l-Kunsill tal-Fraternitajiet li jindirizzaw tajjeb lil dawn il-persuni u mhux jilqgħuhom fit-Terz'Ordni.

L-ewwel ma nosservaw fil-Kostituzzjonijiet huwa li n-normi dwar it-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari nsibuhom fl-Ewwel Taqsima li tittratta dwar il-Ħajja tagħna ta' Aħwa, il-Missjoni u l-Kariżma u l-Karatteristiċi Bażiċi li jsawru l-Ordni. B'mod iktar speċifiku it-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari jissemma f'Kapitlu Tlieta tal-Ewwel Taqsima li jittratta "Il-Kariżma". Diġà mela naraw l-importanza



tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari bħala forma ta' ħajja Karmelitana. Biex inkunu iktar preċiżi, il-paragrafu 28 jiftaħ in-numru 6 tal-Kostituzzjonijiet li jittrattaw dwar il-Familja Karmelitana. L-ewwel ma jgħidilna huwa li kull forma ta' ħajja Karmelitana tieħu l-ispirazzjoni tagħha mir-Regula ta' San Albert, u li l-kariżma titlaħħam b'diversi modi llum ukoll fl-ambitu ekumeniku (hemm fil-fatt gruppi ta' Nsara separati mill-Knisja Kattolika li jispiraw ruħhom mir-Regula Karmelitana). Dan huwa ta' ferħ għall-Ordni għax fejn hemm varjetà hemm il-ħajja u d-Don tal-Ispirtu s-Santu. In-numru 28 ikompli jgħid x'inhuma l-karatteristiċi li jagħtuna identità: Is-smigħ tal-Kelma ta' Alla bħala element fundamentali għall-ħajja kontemplattiva u n-natura tal-missjoni tagħna; ix-xhieda profetika qalb il-poplu; l-ospitalità, il-koperazzjoni u d-djalogu li huma aspett tal-fraternità; u d-dixxerniment quddiem sfidi ġodda. Imbagħad it-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari jissemma fil-Kapitlu 8 tat-Tieni Taqsima li tittratta dwar il-Ħajja tal-Aħwa u b'mod iktar espliċitu "Ir-relazzjonijiet fraterni mal-Familja Karmelitana". Dan in-numru jgħidilna li l-qalba tal-Familja Karmelitana huwa l-Ordni Karmelitan li huwa magħmul mill-Patrijiet, Sorijiet tal-Klawsura, reliġjużi rġiel u nisa ta' istituti aggregati (= Terz'Ordni Karmelitan Regulari) u l-membri tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari. Dawn kollha mela jiffurmaw Ordni wieħed li jinqasam fi tlieta. Marbutin ma' dan l-Ordni mbagħad in-numru 110 jagħti lista ta' rabtiet oħra jew affiljazzjonijiet ta' natura spiritwali. In-numru 114 imbagħad iħeġġeġ lill-Ordni Karmelitan sabiex jieħu ħsieb it-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari u forom oħra ta' lajkat Karmelitan sabiex jaslu għall-milja tas-sejħa tagħhom ħalli jkunu ħmira Karmelitana tajba fid-dinja skont l-Evanġelju.

In-numru 325 imbagħad jagħti d-dritt lit-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari li jippromovi figuri ta' Terzjarji li għexu ħajja ta' qdusija, quddiem il-Postulatur Ġenerali għall-ftuħ tal-Kawża tagħhom.

Minn dan kollu naraw li t-Terzjarji huma parti integrali minn Ordni Karmelitan wieħed u għaldaqstant kull min jissieħeb għandu jkun lest li jgħix il-ħajja Karmelitana skont l-istat tiegħu. Dan ukoll jitfa' responsabiltà fuq ir-Reliġjużi Karmelitani kif jgħid ukoll in-numru 114 f'dak li għandu x'jaqsam mal-formazzjoni u l-għejxien tal-Kariżma b'mod sħiħ.

## Avviż

**Nitolbu lil dawk l-abbonati ta' *Il-Karmelu* li sar xi tibdil fl-indirizz tad-dar tagħhom biex jekk jogħġobhom jgħarrfuna bit-tibdil li sar. Grazzi.**
**L-Editur.**



https://fliphtml5.com/bookcase/exfz 2/2